QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T' APRIL 2002

Avviz Nru 140/02DM

Percius Car Hire Limited

vs

Simon Zammit personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta S & D Zammit Company Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut proprio et nomine sabiex dan ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000), import ta' tlett (3) kambjali (kopji tal-kambjalijiet annessi mal-avviz u mmarkati bhala Dok P1 sa P3) li mmaturaw rispettivament fl-1 t'Ottubru 2000, fl-1 ta' Novembru 2000 u fl-1 ta' Dicembru 2000, illi izda ma gewx onorati minnhu minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex jhallas.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut proprio et nomine, li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mid-data li fiha l-kambjali mmaturaw sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma derx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ukoll il-kambjali originali pprezentati llum stess, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant;

Il-Qorti qieghdha tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine sabiex jhallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) kif indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Dicembru 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ38